**Nifirħulu u nitolbu għalih**

Il-Ħadd li għadda s-seminarista Marlon Victor Bajada li qed joqgħod magħna fi tmiem kull ġimgħa biex iservi fl-attivitajiet pastorali tal-parroċċa tagħna, irċieva l-ministeru tal-akkolitat, li hija l-aħħar tappa qabel id-djakonat u l-presbiterat. Il-kelma "akkolitu" ġejja mill-Grieg u tfisser "xi ħadd li jservi jew jakkumpanja". Fil-fatt dan il-ministeru jissarraf fis-servizz tal-Artal u fit-tqassim tal-Ewkaristija.

**Ġabra tal-Kwaranturi u Tqassim tal-Kalendarju 2025**

Minn għada t-Tnejn ser joħorġu l-voluntiera tal-parroċċa sabiex jiġbru l-offerti tagħkom għaċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tal-Kwaranturi li ser isiru fil-parroċċa tagħna f'għeluq is-sena u fil-bidu tas-sena l-ġdida.

Fl-istess waqt ser jitqassam ukoll il-wisq mistenni kalendarju tal-parroċċa 2025 bl-attivitajiet u l-festi l-iktar importanti. Din is-sena bħala tema ħsibna li noffru għażla ta' ritratti li jiffukaw fuq id-dettalji tal-arti li għandna fil-parroċċa tagħna, sabiex jirnexxilna napprezzaw dik il-prezzjożità li hemm fiċ-ċokon u dik l-isbuħija li taf taħarbilna jekk ikollna ħarsa ħafifa u mgħaġġla.

Kull min ikun jixtieq iktar kopji jew ma jirnexxilux ikun id-dar waqt li ssir il-ġabra u t-tqassim tagħhom ikun jista' jgħaddi fl-uffiċċju parrokkjali fil-ġranet li ġejjin.

**Xogħlijiet fil-knisja**

Il-ġimgħa li għaddiet ġiet restawrata t-tielet linfa żgħira tal-knisja mis-sett ta' sitta. Jonqos issa l-aħħar tlieta, li waħda minnhom diġà tħallset. Jibqa' biss li tgħinuna nħallsu l-aħħar tnejn, li qed jiswew madwar €1,000 kull waħda.

Bħalissa, kif diġà stajtu taraw l-armar fil-knisja, qed isiru l-aħħar preparamenti sabiex tiġi eżaminata l-ħsara li hemm fil-pasta tas-saqaf tal-knisja fuq in-naħa tal-presbiterju u l-kor ħalli jitkompla x-xogħol tar-restawr minn Mark Falzon, taħt is-superviżjoni tal-perit u fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' esperti oħra.

## *In-Novena tal-Milied*

**Inħeġġu lill-familji biex jattendu għan-novena tal-Milied bħala preparazzjoni għat-twelid tal-Iben ta' Alla. Tibda nhar il-Ħadd 15 ta' Diċembru fl-9.45am u tkompli t-Tnejn fil-5.00pm.**

**AVVIŻI:**

Nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru l-**Grupp tal-Istilel ta' Ġesù** qed jistieden lil kulħadd fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani għal-laqgħa ta' talb li tibda bir-Rużarju fl-4.00pm u wara quddiesa minn Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom.

Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Diċembru se jsir **l-irtir tal-Avvent** għall-Gruppi ta' Talb ta' Patri Piju, mid-9.00am sa nofsinhar fil-knisja tal-Kapuċċini r-Rabat.

Bħal fis-snin l-imgħoddija, **is-siġra tal-karità** se tkun qed tiġi armata fil-knisja. Din is-sena se nkunu qed ngħinu lill-Caritas tal-parroċċa u dak djoċesan, id-Dar tal-Providenza, lil St Joseph Home (MSSP) u lil Fondazzjoni Sebħ (Fra Diegu). Inħeġġukom tipparteċipaw u ġġibu l-oġġetti li jkunu miktuba fuq il-karti tas-siġra biex ngħinu lil min hu fil-bżonn.

L-IPM (*Institute for Pastoral Ministry*) se toffri **kors dwar il-Liturġija**, fl-MQF 4, u huwa akkreditat mill-MFHEA. Dan il-kors huwa indirizzat għal dawk kollha li jieħdu sehem b'mod attiv, jew jixtiequ li jibdew jieħdu sehem, fil-Liturġija. Il-kors se jibda fis-6 ta' Jannar u jispiċċa fl-10 ta' Marzu 2025. Isir kull nhar ta' Tnejn, mill-5.30 sas-7.30pm. Min hu interessati jista' japplika online fuq www.ipm.edu.mt sat-Tlieta 31 ta' Diċembru, jew inkella l-Kurja tal-Isqof fir-Rabat Għawdex, sal-Ħamis 12 ta' Diċembru. Il-kors se jsir minn Dun Nazju Borg, fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb taċ-Ċawla. Jiswa €80.

Matul ix-xahar ta' Diċembru tistgħu **tagħtu d-demm** nhar it-Tlieta 10 u t-Tlieta 24 ta' Diċembru mis-1.00 sal-5.00pm kif ukoll il-Ħadd 15 u l-Ħadd 29 ta' Diċembru mit-8.00am sas-1.00pm. Tinsewx tieħdu magħkom il-karta tal-identità.

Il-Kunsill Lokali flimkien ma' Reġjun Għawdex qed jerġgħu joffru **Ikla tal-Milied** lil dawk l-anzjani, morda jew persuni vulnerabbli li jgħixu waħedhom jew li ma għandhomx min isajrilhom. Inkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sat-12 ta' Diċembru.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am